MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2012

Numru 126/2012

Il-Pulizija
(Spettur Roderick Agius)

vs

Roderick Montesin u Melvin Montesin

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati, ulied Emanuel u Gaetana nee' Magri, imwieldin Pieta' u residenti Siggiewi;

Kontra Roderick Montesin talli:

- fit 3 ta' Frar 2012 ghal habta tas-2.00pm min gewwa 'scrapyard' li tinsab gewwa Triq ir-Ramlija, Siggiewi,u f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' oggetti li komplesssivament ghandhom valur aktar minn 232.94 ewro izda anqas minn 2,329 ewro.

Il-Qorti mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Roderick Montesin moghti b'digriet mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. nhar is-26 ta' Marzu 2010 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 200 ewro bhala depozitu u s-somma ta' 1000 ewro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kontra Melvin Montesin talli:

- Nhar it-3 ta' Frar 2012 fit- Triq ir-Ramlija, Siggiewi, u dan f'dawn il-Gzejjer ghal habta tas-2.00pm b'xi mod, xjentement ghen jew assista lil Roderick Montesin fl-atti li bihom id-delitt gie ipperpetrat jew ikkunsmat.

Il-Qorti mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Melvin Montesin moghti b'digriet mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. nhar is-26 ta' Marzu 2010 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 200 ewro bhala depozitu u s-somma ta' 1000 ewro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati , hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta , liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Is-serq li bih gew mixlija l-imputati – fir-rigward l-imputat Melvin Montesin bhala komplici fih – gie osservat u kien xhud tieghu l-Kuntistabbli 1315 Jeffrey Abela li fix-xhieda tieghu ‘viva voce’ stqarr li kien sejjer ghand ommu s-Siggiewi u fi kliemu, ra wiehed jaqbez hajt ta’ xi hdax il-filata gholi li jghalaq ‘scarpyard’ meritu tal-kawza. Zied li ra lill-imputati b’xi hadid u xi wires jitghabbew go karozza li gharafha bhala tal-marka Hyundai numru tar-registrazzjoni DAP 304. Gharaf lill-imputati bhala l-persuni li kienu qed jweqqtu dan ir-reat. Dwar din is-serqa il-Qorti m’ghandiex dubbju u l’anqas dwar li giet imwettqa mill-imputati. Mhux qeghdha il-Qorti, fi kliem iehor, tahti kredenza lill-imputati li sostnew fix-xhieda taghhom li kull ma hadu kien wire li kien fejn l-bieb ta’ lis- ‘scrapyard’ fuq barra. Dan ghalhekk jissarraf fi htija tal-imputati f’serq aggravat bil-mezz (skalata) irrispettivament mill-komplicita’ ta wiehed jew l-iehor minnhom fis-sens tghodd ghat-tnejn. Mhux qeghdha l-Qorti tirriskontra aggravji ohrajn f’dan is-serq stante li l’anqas dak tal- valur ma ikkonfigura.

Fil-konfront tal-akkuza tar-recidiva din tirrizulta pjenament fil-konfront taz-zewg imputati.

Intqal dan il-Qorti tisqarr li ma ngabet ebda provi li r-reat in meritu sar fil-waqt li l-imputati kienu qed igawdu mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest. Pjutost, jirisulta, li r-reat sar waqt li l-imputat Melvin Montesin kien taht ordni ta’ sentenza sospiza u l-imputat Roderick Montesin setgha kien taht ordni ta’ probation. L-imputati però ma gewx akkuzati li kisru sija wahda jew l-ohra.

Rat l-Artikolu 261(b),263 (a), 278, 42(d), 43, 49 u 50 tal-Kap 9. Issib l-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti fit-termini li nghad f’din is-sentenza, cioè ta’ serq aggravat bil-mezz u ta’ recidiva fil-konfront tal-imputat Roderick Montesin u komplicita’ u recidiva fil-konfront tal-imputat Melvin Montesin u tikkundannahom hames xhur prigunerija kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------